# JUM IL-MISSIER

Din il-Pagna minn dejjem tat spazju lill-awturi sabiex jippubblikaw ix-xogħol tagħhom. Issa bil-pubblikazzjonijiet dejjem aktar qed jiżdiedu u fid-dawl li bosta awturi qed jippubblikaw permezz permezz tal-mezzi soċjali u xi drabi għandhom is-siti tagħhom, din il-ħtieġa qiegħda dejjem aktar ma jmur tonqos. Kif spjegajt fil-paġni tal-bidu ta' Jannar ta' din is-sena, ir-rakkomandazzjoni ta' pubblikazzjonijiet ġodda llum saret aktar imminenti. Iżda bħala paġna letterarja, xorta nħoss id-dover li minn żmien għal żmien nippubblika xi novella, kif għandna llum li tagħti gost lill-qarrejja. Dan nista' nagħmlu grazzi għall-awturi li jaqsmu magħna x-xogħlijiet tagħhom. Illum, Jum il-Missier, għandna in-novella "Kuntrast" ta' Miriam Ellum.

Li kieku kelli nagħżel xi ktieb dwar jum il-missier ukoll insib bil-bosta. Ma nistax ma nsemmix ngħidu aħna "U tisbaħ missier..." ta' Sergio Grech. Ktieb riċenti iżda li ħareġ, għalkemm mhux relatat ma' Jum il-Missier jew inkella l-esperjenza tal-missier b'mod dirett, jiena xorta qed ninterpretah bħala esperjenza ta' missier li qed jara il-ħajja tiegħu u ta' wliedu bid-diffikultajiet u l-isifidi kollha tagħna. Dan huwa l-ktieb ta' poeżiji "Women in Red" ta' Emmanuel Attard-Cassar, ktieb żgħir bi vrus tassew ħelwin.

## Kuntrast: Novella ta' Miriam Ellul

L-arloġġ kien qiegħed itektek jipprova jlaħħaq malħoss tat-televiżjoni u l-kant ta' Engilbert Humperdinck, li kien qiegħed jinstema' fl-isfond ħiereġ minn sterjo fil-kamra l-oħra. Ommi kienet qed tiżbarazza l-kċina u missieri fis-sodda, wiċċu lejn it-televiżjoni mingħajr ma jaf x'qiegħed jara. Jien kont mixħuta fuq pultruna nilgħab bil-mowbajl u xi kultant inqum nistaqsih jekk kienx qiegħed komdu.

Komdu ... komdu mimli feriti u muġugħ bil-mard li ħakmu dawn l-aħħar ġimgħat? Komdu meta ma setax jimxi mqar żewġ passi? Komdu meta ma setax lanqas iqum mis-sodda jekk mhux b'ħafna għajnuna?

Imma hu jagħmilli sinjal b'rasu li komdu ... minjaf x'nifhmu biha l-kelma komdu?

'Pa tgħaġġilx, stennieni!' niftakarni ngħidlu meta kien joħodni miegħu għal xi qadja. 'Ejja ħaffef kemm timxi bil-mod' kien jgħidli, u jien nipprova nlaħħaq ma' dak il-ġgant mimli saħħa, b'par strippi qishom slielem tal-vapuri.

Vapuri ... fuqhom kien jaħdem missieri ... 'engine fitter' it-tarzna. Ħadem iljieli u ġranet sħaħ f'perikli kbar u aħna, inkonxji minn dan kollu, ta' tfal li konna, nistennewh, ħerqana, jitfaċċa mill-kantuniera fi triqtu lejn id-dar. Konna nqajmu triq ngħajtulu u nxejru mill-gallerija! It-tarzna ma kienx daħal jaħdem bl-addoċċ, imma bl-iskola. Kien imur is-St Michael's u daħal bl-eżamijiet. Għad hemm il-pjanti tal-bini tal-vapuri merfugħin għand ommi. 'Pa dawn xinhuma?', kont staqsejtu darba. L-iskola kien iħobbha immens u dejjem kien jippritkalna li jridna aħjar minnu. Kburija li jien bint ħaddiem tat-tarzna, u kif!

Qatt ma naqasna minn xejn u dejjem kien preżenti f'ħajjitna, flimkien m'ommi. Jekk skola jew museum dejjem kont tarah hemm, l-itwal wieħed fost il-folla.

'Illejla x'hemm fuq it-televixin?', staqsietni ommi. Lil missieri kienet tadurah kif hu kien jadura lilha. Dejjem flimkien, u din kienet ilweġgħa u l-għira ta' xi wħud li kienu jħossu n-nuqqas ta' żwiegħom mill-ħajja ta' wliedhom u mill-ħajja tagħhom stess. Kienet taf illi t-tmiem kien riesaq, imma bdiet tipprova ma taħsibx fuq dak il-mument. 'Bħal-lum ikun hemm 'Tale Quale' fuq it-RAI, naraw lilu jekk trid', weġibtha jien.

'Kif tieklu ejjew ħalli taraw il-Carosello', kien jgħidilna. Missieri kien iħobb dak kollu li hu Taljan. Futbol kien iżomm mal-INTER, u t-televiżjoni dejjem kien iħallih fuq it-Taljan. Il-kultura Taljana kien iħobbha ħafna, speċjalment il-mużika, l-arti u l-folklor.

'X'ħin se jibda Mir?', staqsietni ommi. 'Mhux dejjem ikunu d-disgħa ma,' u komplejt nilgħab għajjiena u mingħajr ħeġġa li nara xi programm televiżiv. Dak il-ħin missieri ħasadni b'karba ta' wġigħ u jien qomt nara x'kien ġralu. 'Pa sar il-ħin biex torqod ta ... ' għedtlu, waqt li fl-istess ħin ġbidtlu l-liżar 'il fuq. Il-lożor bħal bdew idejquh ... daqqa jinkixef u daqqa jitgħatta ... qisu ma jafx xi jrid.

'Sar il-ħin biex torqdu', kien jgħidilna malli jdoqqu d-disgħa ta' filgħaxija, u aħna b'geddum sal-art immorru norqdu biex inqumu kmieni għall-iskola.

'Jidher mistrieħ ma', għidt lil ommi, biex fl-istess ħin inserrħilha rasha. Il-programm kien ilu li beda meta f'daqqa waħda qabditu xerqa li qajmitu. Ommi, li kienet saret daqs l-aqwa infermiera, marret tagħmillu ftit kamumilla u jien għollejtu ftit minn spallejh biex nirranġalu l-imħaded. 'Pa kif tħossu n-nifs?', staqsejtu.

Sinjal b'għajnejh għarrafni li kollox kien sew. Bqajt inżommu minn spallejh ...

Niftakarni nisgħol waħda f'waħda u missieri jippassiġġa bija tul il-kuritur kollu u jtaptapli fuq dahri. Ma kellix iktar minn sentejn imma niftakar dik il-ġurnata ċara ħafna. Dakinhar kien il-Ġimgħa, il-festa tad-Duluri ... mill-gallerija stajt nara l-purċissjoni għaddejja ... is-sogħla li kelli ma riditx tbatti ...

Ix-xerqa ta' missieri baqgħet iżżid. Kien jidher għajjien u jien bdejt ninfixel. Ommi ġiet bil-kamumilla imma bilkemm ħa boqqa.

Dakinhar dam jippassiġġa bija sa tard billejl ... il-purċissjoni daħlet u jien kont għadni nisgħol waħda f'waħda. Missieri baqa' jippassiġġa bija għal ħin twil. Jien bdejt inħares lejh bil-ħniena għax kont naf li s-soltu jsolvili kull problema u kif jerfagħni nħossni aħjar. Iżda llum missieri deher mifxul ...

Domt inżommu minn spalltu u ħarstu lejja kienet waħda għajjiena u ta' ħniena. Is-soltu kif tinqala' sitwazzjoni mill-ewwel inċemplu lil xulxin jiena u ħuti u din kienet tissolva ... imma dakinhar ma stajt nagħmel xejn ... kont mifxula.

Dakinhar ommi ġiet tiġri bil-mistura u missieri kien pront tani kuċċarina likwidu morr li iktar bżaqt minnu 'l barra milli blajtu. Is-sogħla bdiet tgħib ...

Għajnejn missieri nħbew wara żlieġa u l-ħarsa tiegħu kienet fissa. Rasu ntelqet u nnifs waqaflu. Bdejt ngħajjatlu u nċaqalqu iżda kien kollu għalxejn. Minn ġewwa ommi staqsietni raqadtx u jien, b'qalbi maqsuma weġibtha li kien raqad u straħ u li mhux se jerġa' jqum.

## Women In Red: Ktieb ta' Emmanuel Attard Cassar

It-tjubija, is-sempliċità u s-sinċerità li jfittex Emmanuel Attard Cassar fil-poeżija tiegħu timmanifesta ruħha fis-sempliċità tal-istil li jħaddan f'dawn il-poeżij. Il-kunċett jixbah ħafna dak li nsibu filktieb li ħareġ bi lsien pajjiżna "Fuq din l-art ħelwa". Dwar dan il-ktieb fil-Paġna Letterarja tal-25 ta' Diċembru 2016 jien kont ktibt hekk:

"U min jgħid li l-poeżija bilfors trid tkun tqila jew diffiċli? Emmanuel Attard Cassar qed joffri soluzzjoni għal ħafna u ħafna li jixtiequ fil-fatt jibdew jaqraw xi poeżija u ma jafux minn fejn se jibdew. Qabel inkompli iżda, rrid nagħmilha ċara li huwa l-ispazju limitat li żammni milli ma tantx nikteb dwar dawn il-poeżiji, għaliex minkejja ċ-ċokon intenzjonat ta' dan il-ktieb wieħed jista' joħloq diskussjonijiet sħaħ dwar il-bosta temi li jippreżenta Attard Cassar. Għaliex dawn il-poeżiji minkejja r-rima ħelwa u metrika tradizzjonali ma jingħalqux f'tema partikolari bħal ngħidu aħna l-patrijottiżmu jew it-tifħir reliġjuż. Waqt li ngħid għalija ma jidhirlix li t-temi ppreżentati jiskomodaw il-qarrej, żgur li joffru sfidi."

L-unika element komuni però huwa l-istil, għaliex waqt li "Fuq din l-art ħelwa" jikkonsisti f'botti sottili, jew aħjar twiddiba lejn dawk in-nuqqasijiet tal-Maltin. F'dan il-ktieb donnu aktar iħares lejn is-soċjetà b'mod ġenerali, xi waqtiet l-istess riflessjoni li twassal għal kritika ma tonqosx, u oħrajn eżistenzjali. Il-poeżiji huma diretti ħafna, fis-sens li l-messaġġ huwa fil-wiċċ. Il-qarrej se jaqra dawn il-poeżiji u riflessjonijiet mingħajr ħafna sforz u jiggosta l-espressjoni mfissra b'mod tassew konċiż. Fil-fatt jidhirli li l-konċiżjoni hija l-aktar element b'saħħtu ta' dawn il-poeżiji. Il-poeta, jippreżenta ruħu bħala missier tal-familja u mingħajr mingħajr bintu fil-fatt mhu xejn (Daughter, p.42). L-istess għal ibnu, li huwa jaf tajjeb li issa qiegħed jikber u jwissih li jibqa' b'għajnejh miftuħa għall-ħażen u jagħżel it-triq it-tajba. Imma ġaladarba jagħraf jagħmel dan, iħeġġu biex jimraħ u jwettaq il-ħolm tiegħu (Son, p.46).

B'ton ta' missier huwa jappella lil uliedu biex jagħżlu t-triq tas-sewwa (My children). U fil-poeżiji li jsegwu konxju mill-ħażen tad-dinja fosthom l-iskandli minn persuni fl-ogħla strata tas-soċjetà (Scandals, p.21). Il-qofol ta' dan kollu huwa n-nuqqas ta' dawk komuniment magħrufa bħala l-vera valuri, li bihom infissru dawk il-valuri li ma jiġux mill-flus jew minn dak kollu li huwa materjali imma mill-aktar affarijiet sempliċi li jagħtuna l-ferħ, ħielsa minn kull xorta ta' regħba, ħażen u egoiżmu. Għal Attard Cassar sirna wisq ossessjonati bil-pożizzjoni li wieħed iħaddan (p.15) u jaf tajjeb li ma jistax ikollok ħajja mingħajr sagrifiċċju (Immediacy, p.20). F'dinja tat-teknoloġija